MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2488/2002

**Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company, kif surrogata fid-drittijiet ta'l-assigurat taghha Mirachem International Limited u Andre Grech ghan-nom u in rappresentanza ta'l-istess Mirachem International Limited**

**Vs**

**Saviour Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-17 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm178.50) rappresentanti danni sofferti minnhom f'incident stradali li sehh fis-16 ta' Jannar 2002 fi Triq Bugibba, San Pawl il-Bahar waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni

LAL915, u dahal go vettura tas-socjeta attrici Mirachem International Limited bin-numru ta' registrazzjoni GAU 518 misjuqa minn Joseph Mallia. Illi l-ammont ta' Lm155.50 jirrapprezentaw danni kagjonati fil-vettura tas-socjeta attrici u Lm23 jirrapprezentaw il-prezz ta' zewg *survey reports*, oltre somma ghal *loss of use* li ghandha tigi likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma'l-avviz kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut Saviour Micallef ipprezentata fl-20 ta' Novembru 2002, fejn huwa eccepixxa illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni peress illi ghal dan l-incident huwa unikament reponsabbli l-assikurat tas-socjeta attrici jew tas-sewwieq Joseph Mallia, li ghaldaqstant ghandu jigi kjamat fil-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Mallia u tal-konvenut u martu Lilian Micallef u PC277, Joseph Cini, kif ukoll ta' Joseph Muscat, Edward Pace Balzan u Joseph Buttigieg.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ha konjizzjoni tal-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2003, fejn id-difensuri tal-partijiet qabblu li x-xhieda u il-provi f'din il-kawza ghandhom jiswew ghal kawza bejn l-istess partijiet li igib l-avviz numru 1725/02EG fl-ismijiet Saviour Micallef et. vs Joseph Mallia et u vice versa.

Ikkunsidra,

Illi fir-rigward tal-kwistjoni tar-responsabbilita ghall-incident stradali mertu tal-kawza, t-Tribunal qieghed jaghmel referenza ghal motivazzjonijiet u konkluzzjonijiet raggunti fil-kawza li iggib l-avviz numru 1725/02EG fl-ismijiet Saviour u Lilian Micallef vs Joseph Mallia, Andre Grech u Mirachem International Limited ghal kull interess li jista

ikollhom u dana peress illi l-mertu ta’ dawn iz-zewg kawzi huwa identiku.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara illi is-sewwieq tal-vettura proprjeta ta’l-atturi Mirachem International Limited u Andre Grech kien unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza, u kwindi ighaddi biex filwaqt illi jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jichad it-talba attrici bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------